MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-2 ta' April, 2009

Talba Numru. 63/2009

**Mobisle Communications Limited**
**(C 24655)**

**Vs**

**Christian Saliba**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici titlob il-hlas tas-somma ta’ disa’ mija u erbgha u disghin euro u tnax-il centezmu (€994.12c) rapprezentanti bilanc ta’ prezz lilha dovut mill-konvenut skond Client Contract Number 1021191 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjetà attrici u dana fix-xhur ta’ bejn is-sena 2007 u 2008. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-30 ta’ Ottubru 2008 u dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz tat-Talba, u bl-imghax legali sad-data ta’ l-effettiv pagament.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ disa’ mija u erbgha u disghin euro u tnax-il centezmu (€994.12c), bl-imghax dekoribbli mit-30 ta’ Ottubru 2008 (id-data ta’ l-ittra ufficjali) sad-data ta’ l-effettiv pagament. L-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 30 ta’ Ottubru 2008 u tal-Mandat ta’ Sekwestru ipprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz tat-Talba, huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------